MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1677/2004

**Atlas Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat tagħha John Ginell Littlejohn
Vs
Joseph Portelli u b'digriet ta' l-14 ta' Diċembru, 2004 ġie kjamat in kawża Stephen Satariano**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fl-10 ta' Awissu, 2004 fejn is-soċjeta` attriċi talbet sabiex il-konvenut jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' Lm 1498.10 (elf, erbgħa mija u tmienja u disgħin lira Maltija u għaxar ċenteżmi) rappreżentanti danni kawżati f'inċident stradali nhar it-3 ta' Frar, 2004 fl-Imsida.

Fl-Avviż tat-talba intqal illi:-

Din hija istanza fejn is-soċjeta' attriċi qed titlob il-kundanna tal-konvenut għal risarċiment ta' danni fl-ammont ta' elf, erbgħa mija u tmienja u disgħin lira Maltija u għaxar ċenteżmi (Lm 1498.10) żborsati minnha a favur

ta' l-assikurat tagħha bħala indennizz in segwitu għal inċident awtomobilistiku li ġara l-Imsida fit-3 ta' Frar, 2004 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru JAX 549 huwa ħabat mal-vettura numru FAJ 325, propjeta' ta' John Gingell Littlejohn li kienet ipparkjata, bil-konsegwenza li din sfat imbuttata u maħbuta ġo vettura oħra pparkjata propjeta' ta' terzi, għal liema inċident il-konvenut kien unikament responsabbli minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti.

Oltre l-imsemmija danni, il-konvenut għandu jħallas l-ispejjeż ta' l-ittra interpellatorja tas-16 ta' Frar, 2004, dawk ta' l-ittra uffiċjali (b'żewġ notifiki) tal-21 ta' Ġunju, 2004, l-ispejjeż ta' l-ittra uffiċjali (b'notifika waħda) preżentata kontestwalment ma' dan l-att għan-notifika ta' l-assikurazzjoni tal-kovenut bl-odjerni proċeduri a tenur tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta u bl-imgħax legali b'effett mill-21 ta' Ġunju, 2004 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Ra r-risposta fejn ingħad:-

1) Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż stante li l-eċċipjenti mhux responsabbli għall-inċident iżda kaġun ta' l-inċident kien unikament tas-sewwieq tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JJS 111;

2) Illi għalhekk, wara li jinstema' r-rappreżentant ta' l-uffiċju tal-liċenzji sabiex jiġi verifikat min hu s-sid tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni JJS 111, qed jintalab il-kjamat in kawża ta' l-istess u ta' kwalunkwe persuna oħra li setgħet kienet qed issuq il-vettura dakinhar ta' l-inċident.

3) Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-ammont pretiż huwa eċċessiv u għalhekk huwa wkoll kontestat;

4) Salv eċċezżjonijiet oħra.

Bl-ispejjeż.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi il-vettura attriċi fil-mument tal-ħabta kienet ipparkjata u ġiet maħbuta minnha minn vettura oħra misjuqa mill-konvenut li tefa' vettura oħra fuq il-vettura tiegħu.

Dan huwa każ ta' terza persuna innoċenti li għalkemm ma kellha l-ebda ictu opoli, l-ebda involviment fl-okkorenza ta' l-inċident, kellu jieħu l-passi hu sabiex jiġi lilu risarċit id-danni lilu kommessi minn terzi.

Il-konvenut jallega illi kien hu li ħabat ma' vettura oħra u tefagħha fuq ta' l-attur u għamel dan minħabba vettura ta' ħaddiehor li ħarġitlu fit-triq. Biex jevitaha ħa azzjoni evażiva u ġara l-inċident.

Din it-terza persuna ma ġietx prodotta biex tixhed iżda ġiet ikkjamata fil-kawża u għażlet li ma tagħtix ix-xhieda tagħha u wisq anqas tippreżenta d-difiża tagħha permezz ta' risposta.

Ma ġie preżentat fil-konfront tiegħu lanqas xi kapi ta' esebizzjoni da parti ta' xi waħda mill-kontendenti ta' din il-kawża.

L-involviment ta' din il-persuna għax dan il-każ m'huwiex każ ta' terzo ingnoto ġie stabbilit mill-istess konvenut u dana qed jallega illi t-tort ma kienx tiegħu.

Diment li ressaq din il-prova, għax mhux każ li l-konvenut tefa' l-ħtija fuq l-attur, izda l-konvenut tefa' l-ħtija fuq terza persuna li kien jaf allegatament biha.

Una volta illi fil-konfront ta' l-attur il-konvenut ammetta r-responsabbilta` tiegħu fis-sens illi kien hu li ħabat miegħu pero` qed jallega li kien hemm terza persuna, l-oneru tal-prova allura f'każ simili kellu jdur fuq il-konvenut biex jipprova illi l-ħsara minnu kaġunata lill-attur ma kinitx tort tieghu. Pero`, kif ġia ingħad, il-konvenut dan naqas li

jagħmlu u għalhekk fil-konfront ta’ l-atturi hu għandu jirrispondi għall-istess.

Il-quantum tad-danni ma ġiex kontestat u għalhekk qed jiġi akkordat.

Jiddeċiedi billi fil-waqt li jiċħad l-eċċezjoni tal-konvenut, jilqa’ t-talbiet attriċi u jikkundannah ihallas is-somma ta’ elf, erbgħa mija u tmienja u disgħin lira Maltija u għaxar ċenteżmi (Lm 1,498.10) bl-ispejjeż u interessi kif mitluba kontra l-istess konvenut salv si et quotemus kull dritt tal-konvenut ta’ risarċiment fil-konfront ta’ l-istess terza persuna kjamata fil-kawża, Steve Satariano.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------